MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-1 ta' April, 2004

Rikors Numru. 783/1997/1

Charles Chetcuti
vs
Direttur Generali, Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, Direttur Management and Personnel Office, Ufficcju tal-Prim Ministru

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta li huwa garrab ingustizzja fl-1992, meta ma ntaghzilx ghal Education Officer (Administration) u meta gie deciz li 'l quddiem Principal Education Officers jilhqu biss mill-grad ta' Education Officers, u b'hekk huwa gie ipprivat milli javvanza ghall-imsemmi post.
Illi huwa kien ilu fil-grad ta' Head III fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni, mill-liema grad huwa kien intitolat li japplika ghall-grad ta' Principal Education Officer. Fl-1992 gie miftiehem mid-Dipartiment li erbgha biss isiru Principal Education Officer, u li 'l quddiem isiru biss minn dawk li

kienu Education Officers, li kien grad inferjuri ghall-grad tar-rikorrent, li kien Head III. Minhabba f'hekk, sabiex ir-rikorrent ikollu l-opportunita` li jilhaq Principal Education Officer, meta kien hemm vacancy ghal Education Officer, huwa applika ghal dak il-post, nonostante li dak il-post huwa inferjuri ghall-grad tar-rikorrent.

Illi r-rikorrent ma ntaghzilx ghall-post ta' Education Officer (Administration) fl-1992 allavolja huwa kien diga jokkupa grad superjuri. Mhux biss, huwa lanqas ikkwalifika, kif juri d-Dokument A anness mar-rikors. Il-Bord tal-Ghazla ma riedx jaccetta li r-rikorrent japplika ghal post inferjuri. Fil-fatt ir-rikorrent ma gie mistoqsi xejn u inghata marki fuq bazi ta' xejn.

It-trattament li r-rikorrent ircieva mill-Interviewing Board kien ingust. Ingusta wkoll kienet id-decizjoni li minn ma jkunx diga Education Officer, ma jistax jilhaq Principal Education Officer, nonostante li jkun fi grad superjuri, bhal ma huwa l-grad tar-rikorrent Head III.

Ghalhekk ir-rikorrent talab li t-Tribunal jinvestiga l-ilment msemmi u jiddikjara li r-rikorrent garrab ingustizzja meta ma intaghzilx ghal Education Officer (Administration) fl-1992 u meta gie ipprivat milli jista' jilhaq ghall-post ta' Principal Education Officer ghaliex mhux Education Officer u jiddeciedi li r-rikorrent ghandu jitqies li lahaq Education Officer (Administration) mill-1992 u fin-nuqqas li r-rikorrent ghandu jinghata l-opportunita` li jikkonkorri ghall-grad ta' Principal Education Officer, u li r-rikorrent ghandu jinghata kumpens li jigi iffissat ghad-danni li garrab minhabba l-ingustizzja msemmija.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta u dikjarazzjoni dwar il-fatti prezentata mid-Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni u d-Direttur Management and Personnel Office Ufficju tal-Prim Ministru li eccepew:

1. Illi dwar il-parti tar-rikors li jirrigwardja l-post ta’ Principal Education Officer, ir-rikorrent kien ressaq il-kaz tieghu quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji fit-22 ta’ April 1993 ***(ara dok A)*** u fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta’ Awissu 1993 ***(ara dok B u C)***.

2. Illi skond l-Artikolu VI(2) dan it-Tribunal ghandu jiddeklina milli jezercita l-poteri tieghu fuq din il-parti tar-rikors, minhabba li r-rikorrent mar quddiem il-Qorti u mar ukoll quddiem il-Kummissjoni ta’ l-Ingustizzji.

3. Illi preliminarjament, la l-parti tar-rikors li jirrigwarda il-post ta’ Education Officer (Administration Secondary Schools) huwa dwar bord tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, din ghandha tigi kjamata fil-kaz sakemm dan huwa permess mill-Att VIII ta’ l-1997.

4. Il-procedura kollha esegwita dwar is-sejha ghall-applikazzjonijiet ghal kariga msemmija hija din:

i. Fl-11 ta’ Mejju 1992 harget is-sejha ghall-applikazzjonijet ghall-post ta’ Education Officer (Administration - Secondary Section) fid-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni ***(ara dok. D)***.

ii. Illi l-process tal-ghazla kien f’idejn il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

iii. Illi r-rizultat gie ppublikat fit-30 ta’ Gunju 1995 u s-Sur Charles Chetcuti (ID No 18568(M)) ma kkwalifikax (ara dok E).

5. Ghaldaqstant it-Tribunal ghandu jirrespingi t-talbiet tar-rikorrent vis a vis l-intimati li bl-ebda mod m’huwa responsabbli f’dan il-kaz.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimati.

Ra r-risposta tad-Direttur Generali MPO li eccepixxa:

Illi d-Direttur Generali, Management and Personnel Office fl-Ufficcju tal-Prim Ministru mhuxiew il-legittimu kontraddittur ghall-ilment stante li l-ilment jikkoncerna lid-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni liema dipartiment diga ghamel ir-risposta tieghu ghal dan l-ilment.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra.

**PROVI:**
Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-veracita` tal-kontenut tar-rikors u qal li lmenta mill-intervista ghal Education Officer fejn ma ntghazilx minkejja li hu kien Head III li hu grad oghla minn Education Officer. Semma li kien kiteb lill-Kummissjoni dwar il-post ta’ Principal Education Officer. Qal li llum hu l-Kap tal-Junior Lyceum Verdala. Esebixxa ittra indirizzata lilu mis-Sur Grima a fol 27, semma li fit-2 ta’ Gunju 1989 gie appuntat Kap ta’ skola. Spjega li fil-ftehim li kien sar kien gie deciz li jinholoq grad ta’ Principal Education Officer li kellhom jigu mimlija hamsa mill-kumpliment ta’ Education Officers II u l-hamsa l-ohra minn Head of School II. Qal li peress li kien qieghed is-seba’ fil-lista ta’ Head of School III baqa’ barra u ma setax isir Assistent Direttur. Semma li hu kellu l-ewwel japplika ghal Education Officer grad taht dak li kellu hu biex wara seta’ japplika ghal grad iktar ‘il fuq. Qal li meta dahal quddiem il-Bord fl-intervista kien talabhom jirregistraw li qed jaghmel l-intervista taht protesta peress li din kienet intervista ghal grad inqas minn tieghu. Is-Sinjorina Borg Grech qaltlu li dan ma kienx kompitu tal-bord izda s-Sinjorina Caruana Colombo staqsietu x’kien il-kaz wara semma li s-Sur White staqsieh xi haga fuq il-Liceo li kien beda hu jigifieri l-Liceo Verdala. Zied ighid li meta hareg ir-rizultat lanqas biss kien ghadda u gab 48 marka. Qal li din kienet sorpriza kbira ghalih wara li hu kien wiehed mill-ewwel membri li bdew l-iskola internazzjonali ta’ l-Ingliz u

wara li fetah l-iskola tal-Verdala skola li gawdiet reputazzjoni tajba. Qal li tant hu hekk fil-kriterju ta' l-esperjenza ottjena l-massimu tal-marki. Kompla jghid li din hu kien hadha bi kbira u kien ghamel zmien fuq sick leave. Hass li saret ingustizzja mieghu peress li l-Assistenti Diretturi li qeghdin iservu llum kienu juniors tieghu.

In kontro ezami qal li meta applika ghal Education Officer kien Head III. Qal li hu xorta kien jaqa' direttament taht is-Sur George White li kellu l-kariga ta' Assistent Direttur. Qal ukoll li fis-sjuf dejjem kien jahdem xoghol amministrattiv li kien jinqala minn zmien ghal zmien.

**KONKLUZJONIJIET:**
Ra li fir-risposta tad-Direttur Generali MPO dan eccepixxa li d-Direttur Generali, Management and Personnel Office fl-Ufficcju tal-Prim Ministru mhuxiew il-legittimu kontraddittur ghall-ilment stante li l-ilment jikkoncerna lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Jinghad li l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li "Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni." Imkien ma jinghad li r-rapprezentanza hija vestita f' idejn id-Direttur Generali MPO . Fil-kaz in ezami r-rikorrent ma ta ebda raguni ghaliex id-Direttur Generali MPO kellu jkun fil-kawza. [Ara wkoll Rikors 196/97 deciz fid-9 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici; Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta' Socjali 9/3/99, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99]. Dan huwa sufficjenti biex il-kawza tieqaf hawn fil-konfront tad-Direttur Generali MPO u ghalhekk jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi r-rikorrent qieghed jilmenta li ma nghatax il-grad ta' Education Officer. L-ewwel eccezzjoni tal-intimat Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni hija li dwar il-parti tar-rikors li jirrigwardja l-post ta' Principal Education Officer, ir-rikorrent kien ressaq il-kaz tieghu quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji fit-22 ta' April 1993 u fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Awissu 1993. Izda r-

rikorrent ghamilha cara li l-ilment tieghu jirrigwarda l-hatra ta’ Education Officer u mhux Principal Education Officer u ghalhekk it-Tribunal jichad din l-ewwel eccezzjoni.

It-tieni eccezzjoni li skond l-Artikolu 6(2) dan it-Tribunal ghandu jiddeklina milli jezercita l-poteri tieghu fuq din il-parti tar-rikors, minhabba li r-rikorrent mar quddiem il-Qorti u mar ukoll quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji hija semplicement ripetizzjoni tal-ewwel eccezzjoni u ghalhekk michuda wkoll.

It-tielet eccezzjoni hija li preliminarjament, la l-parti tar-rikors li jirrigwarda il-post ta’ Education Officer (Administration Secondary Schools) huwa dwar bord tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, din ghandha tigi kjamata fil-kaz sakemm dan huwa permess mill-Att VIII ta’ l-1997. Hadd ma zamm lill-intimat milli jaghmel it-talba formali ghall-kjamata in kawza tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u kien jinkombi fuqu li jaghmel dan. Izda ghal kull fini t-Tribunal jaghmel referenza ghad-decizjoni tat-Tribunal fil-kawza fl-ismijiet John Bilocca vs Dipartiment tas-Sahha deciza fis-7 ta’ Mejju, 1998. Ghalhekk din l-eccezzjoni hija wkoll michuda.

Dwar l-eccezzjonijiet l-ohra dawn jirrigwardaw il-meritu. Issa r-rikorrent insista li kien haqqu jiehu l-kariga msemmija. Gab l-allokazzjoni tal-marki moghtija lilu. Izda hlief ghall-fatt tal-hatriet li kellu sa dak iz-zmien ma gab prova ta’ xejn iehor. Infatti r-rikorrent:

- La gab prova tal-kwalifiki tieghu;
- La gab prova ta’ kwalitajiet posittivi ohra tieghu;
- La gab il-lista tal-applikanti l-ohra;
- La gab provi dwar kemm kull wiehed minnhom gie allokat marki;
- La gab prova tal-kwalifiki tal-kandidati l-ohra;
- La gab prova tas-snin ta’ servizz tal-applikanti l-ohra.

U ghalhekk kif jista’ jistenna li t-Tribunal isib li saret ingustizzja mieghu meta hu ma inghatax dak il-grad.

Facilment jista' jkun li kien haqqu izda hu ma ghamilx il-provi necessarji dawr dan.

It-Tribunal josserva wkoll li minn dak li rrizulta jidher li r-rikorrent kien pjuttost polemikuz mal-Bord dwar l-istat tal-affarijiet u dan certament ma kienx kompitu tal-Bord u possibilment din kienet ir-raguni tar-rizultat negattiv, izda dwar dan it-Tribunal jista' jitkellem minn dak li qal l-istess rikorrent stess biss.

Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat dwar il-meritu.

Stante n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------